Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 212 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Matthew Spagnol

Spettur Nikolai Sant

Vs

Munir Mohamed Ali Gammudi

Illum 28 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Munir Mohamed Ali Gammadi, detenur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 133089 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2018, għall-ħabta ta' filgħaxija (23:00hrs), f'San Ġiljan, bil-ħsieb li joqtol lil Micaela Attard jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikli 211 u 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' handbag għad detriment ta' Micaela Attard, liema serq hu kwalifikat bil-'vjolenza', bil-'ħin', u bil-'valur' li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (a) (ċ) (f), 262 (1) (b), 267, 270, 276, 280 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi filwaqt li qed jagħmel reat kellu fuq il-persuna tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta, u dan bi skur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta lil Munir Mohamed Ali Gammudi bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn sentenzi mogħtija lilu nhar it-12 ta' Novembru, 2015 mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D., u nhar it-08 ta' Marzu, 2016 mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni favur Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikoli 261 (a) (ċ) (f), 262 (1) (b), 267, 270, 276, 280, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikoli 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol. 320

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti filwaqt li illiberat lill-imputat mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (a) (ċ) (f), 262 (1) (b), 267, 270, 276, 277 (a), 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabithu hati tal-kumplament u ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-mus esebit bhala Dok. MS.

Finalment a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius ghal zmien tlett (3) snin mill-lum.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbgahat lil Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Munir Mohammed Ali Gammudi, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha TIKKONFERMA s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn l-appellant ġie lliberat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni; TBIDDEL is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija fir-rigward tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni; u TIDDIKJARA lill-appellant mhux ħati tal-akkużi addebitati lilu. Subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, l-appellant jitlob li l-istess sentenza tiġi riformata kwantu għal piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa u ekwa skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messitx sabet ħtija fir-rikorrenti.

Subordinament kellha tagħti piena aktar xierqa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina.

Illi wieħed irid jikkunsidra wkoll li fil-passat l-appellant kien soġġett għal episodji psikoloġiċi disturbanti u li żgur ma affettwawhx b'mod pożittiv.

Illi qabel xejn wieħed bilfors irid jirrimarka illi l-appellant kien ġie addebitat bl-akkuża ta' qtil volontarju *nonostante* li matul il-prosegwiment tal-kawża din ma ġietx ippruvata u dan tenut kont tal-fatt li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienux jimmeritaw il-gravità li pinġiet il-parti leża. Dan anki in vista tal-fatt li x-xhieda okulari ma kienux kredibbli u anki ġew imwiddba mill-Ewwel Onorabbli Qorti b'mod ripetut sabiex ikunu konsistenti u mhux konfliġġenti[2].

**<u>Serq ikkwantifikat b'aggravji</u>**

Illi l-appellant ġie misjub ħati ta' serq ikkwantifikat bl-aggravji tal-valur, tal-vjolenza u tal-ħin. Fid-dawl ta' dan ir-reat prinċipali, il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana – fosthom fil-kawża **Il-Pulizija vs. Adrian Valletta**[3] – tgħallimna illi sabiex jissusisti r-reat ta' serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* jrid isir b'mod frawdolenti u *se mai* t-teħid tal-oġġett ikun sar bl-intenzjoni li dan ittieħed mingħand terzi u t-teħid ikun sar għad-dannu ta' terzi. Hu essenzjali biex jiġi ppruvat is-serq li jkun hemm l-intenzjoni, il *mens rea*, u mhux biss it-teħid tar-*res aliena* iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist – *con animo di farne lucro*.

[2] Fol 65 – Qorti: *Il-verita rrid nkun naf sinjura.*
Fol 153 – Qorti: *Sinjura jekk ser naqbad li qed tigdeb hemm pieni horox plus that you are undermining your own case hawn.*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-12 ta' Marzu 2019

Illi fil-każ odjern hu stat ta' fatt li l-prosekuzzjoni fid-dawl tal-akkuża prinċipali tas-serq ipproduċiet numru ta' xhieda, iżda fis-sustanza tax-xhieda tagħhom bl-ebda mod ma rriżulta li kien filfatt sar ir-reat ta' serq bl-aggravji kollha tiegħu mill-appellant. Anzi, meta wieħed jixtarr dak sottomess mix-xhieda, iktar iqumu dubji u suspetti kemm dak li xehdet l-allegata vittma kien konsistenti;

*a)* *Serq aggravat bil-valur*

Illi l-appellant ġie akkużat li seraq għad-detriment ta' Micaela Attard, liema serqa kienet aggravata bil-valur li ma kienx jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

Illi qabel xejn tajjeb jiġi rrimarkat li l-vittma bil-ġurament tagħha rrakkontat li fit-18 ta' Frar 2018 ġiet misruqa oġġetti li kien jappartjenu lilha minn *handbag* li kien fuq il-persuna tagħha u li kien fih is-segwenti:

*"eh kelli zewg mobiles, portomini, l-wallet*

*...*

*mela kelli iPhone 8, jiswa madwar Eur 1000, kelli iehor qisu imitation tiegħu, forsi jiswa Eur 500 l-iktar. Kelli n-nucalli tal-vista ta' Dolce & Gabbana, voldieri jiswa Eur 500-550. U kelli xi flus fil-portmoni, cards, cwievet tal-karozza, kollox hux. Kollox. U xi makeup ha nghidu hekk"*[4]

Illi ġaladarba ġie ddikjarat mill-parti leża x'oġġetti ġew misruqa mill-*handbag* li kien fuq il-persuna tagħha, kien jispetta lilha li ġġib prova konkreta u sodisfaċenti li l-*handbag* u l-kontenuti tiegħu kellhom valur li fil-fatt kien jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Eur 232.94). Kienet tkun prova sodisfaċenti li kieku ġew ippreżentati xi irċevuti fiskali tal-oġġetti sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika l-ammont tal-oġġetti

[4] Fol 51 – eżami Micaela Attard

allegatament misruqa u anki sabiex jiġi verament ippruvat li s-serq kien aggravat bil-valur;

Illi fil-fatt il-prosekuzzjoni straħet sempliċiment fuq dak issollevat mid-depozizzjoni tal-vittma f'dak li jirrigwardja l-valur tal-oġġetti allegament misruqa. Hawnhekk għandu jiġi rrimarkat li lanqas ma ġie nnominat espert fil-mori tal-kawża sabiex jistabilixxi u jikkwantifika l-valur tal-oġġetti;

Illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lilha nfisha f'posizzjoni fejn lanqas għandha indikazzjoni tal-valur, tenut kont li għandna biss il-verzjoni tal-parti leża u li wieħed ma jistax jgħid li hi kredibbli u ta' minn joqgħod fuqha in vista tad-diversi drabi li ġiet imwaqqfa mill-Ewwel Onorabbli Qorti u twissiet bil-konsegwenzi tal-ġurament falz. Barra minn hekk meta l-parti leża ġiet mistoqsija x'oġġetti kienu nsterqulha u biex tikkwantifika l-oġġetti misruqa, hi ma kinitx assertiva fit-tweġiba tagħha iżda biss indikattiva w użat termini bħal "madwar" u "forsi" – li fil-kamp penali mhumiex provi li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;

Illi għaldaqstant fin-nuqqas ta' tali prova dan l-aggravju ma jistax jirriżulta u wisq anqas jista' jingħad li hu aggravat bl-ammont meta l-ebda ammont qatt ma ġie stabbilit fil-mori tal-kawża;

*b)* *<u>Serq aggravat bil-vjolenza</u>*

Illi sabiex dan l-aggravju jissussisti hu pertinenti li l-akkużat fil-ħin tar-reat ikun armat b'arma u jużaha qabel jew waqt il-konsumazzjoni tar-reat għall-finijiet ta' biża versu l-vittma. Ikun ekwu li dan l-aggravju jiġi trattat fid-dawl tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputat, u ċioe dik li tikkonsisti fil-pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta;

Illi f'dan l-istadju ma jistax jiġi skartat il-fatt li kienet l-allegata vittma u ħabibta Monica Agius li aċċennaw li l-appellat kien qiegħed iġorr arma fuq il-persuna tiegħu u li huma ħassewhom mhedda meta allegatament ġew affaċjati b'dan l-istrument waqt il-ħin tal-allegat reat;

Illi hu stat ta' fatt li l-allegata vittma rrapportat u elaborat li hi ġiet attakkata mill-appellant u li dan saħansitra pprova jniffidha diversi drabi bil-mus. Illi, bir-rispett kollu, kieku l-verżjoni tal-parti leża kienet konvinċenti u veritiera mhemmx dubju li l-akkużi li bihom l-appellant kien akkużat oriġinarjament kienu jibqgħu jissussistu u mhux jitwaqqgħu mill-Avukat Ġenerali.

Illi fid-depozizzjoni tagħha Micaela Attard spjegat li l-appellant uża l-mus kemm waqt li sar ir-reat u anki wara li ġie kkunsmat ir-reat – u skont hi ħadet prekawzzjoni u allarmat il-pubbliku li kien hemm persuna b'arma. Hawnhekk għandu jingħad li l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma resqet terza persuna li kkonferma li kien hemm individwu li kien ta' periklu u li kellu arma f'idejh. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tressaq xi xhud li kien jikkonferma l-periklu li allegatament seta joħloq l-appellant li kieku kien minnu li hu kien qed juża u jxejjer l-arma fil-pubbliku. Fil-fatt anki l-bouncers tal-istabbiliment *Playground*, ossia Mohammed Musbah u Hamza Elhadi s Essayed, xehdu fin-negattiv u bil-ġurament stqarrew li ma raw xejn f'id l-appellant u lanqas biss għarfuh fl-awla u meta ġew mistoqsija jekk għarfux il-mus li allegatament intuża huma wieġbu fin-negattiv.

Illi mhux dawn iż-żewġ xhieda biss m'għarfux il-mus iżda anki Monica Agius, li minkejja li kienet qedgħa takkumpanja lill-parti leża, meta ġiet mistoqsija jekk tagħrafx il-mus hi qalet li kien simili – *se mai* l-verżjoni tagħha kellha tqanqal dubju li fil-kamp penali dejjem għandu jmur favur l-akkużat;

Illi minbarra dan kollu, ma jistax jiġi skartat il-fatt li fil-ħin tal-allegat reat l-appellant kien flimkien ma' Khalifa Shirgawi – fl-ebda stadju ma ġew elevati xi marki tas-swaba minn fuq il-mus ġaladarba kien hemm żewġ individwi fuq ix-xena tar-reat.

Għalhekk, bl-ebda mod ma jista' jintefa dawl jew ħtija fuq l-appellant meta' seta kien Khalifa Shirgawi li uża l-mus fil-ħin tar-reat. Dan huwa punt ieħor li joħloq inċertezza.

c) *Serq aggravat bil-ħin*

Illi fejn jidħol dan l-aggravju, il-prosekuzzjoni straħet fuq id-depozizzjoni tax-xhieda u fl-ebda stadju ma tresqu *CCTV footage* jew ritratti li kienu jitfgħu dawl jekk l-allegata serqa seħħet fid-dawl tax-xemx jew f'xi ħin ieħor. Għalhekk, għal darb' oħra, għandna sitwazzjoni fejn hemm dubju dwar il-ħin li fih seħħet l-allegata serqa;

Illi f'dan ir-rigward, mill-assjem tal-provi huwa ċar li dawn ma jilħqux il-grad tal-prova meħtieġ biex iwassal għall-konvinzjoni li l-oġġetti li allegatament ġew misruqa kienu insterqu mill-appellant. Għalhekk jirriżulta li hemm ħolqa nieqsa fic-*chain of evidence* li kellha tgħaqqad lill-imputat lilhinn minn kull dubju raġonevoli mal-oġġetti misruqa mill-basket li finalment qatt ma ġew misjuba;

Illi minn dan kollu jirriżulta li hemm wisq kontradizzjonijiet u ekwivoċi fil-provi li hemm fl-atti dwar l-oġġetti misruqa u ladarba ma tresqux provi mhux evidenzjali ma tistabbilix u lanqas tikkonvinċi lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi kien propju l-imputat li seraq l-oġġetti tal-parti leża. Hu stat ta' fatt li għas-sejbien ta' ħtija – tal-anqas għar-reati li allegatament ġew kommessi mill-appellant għad-detriment tal-allegata vittma – kien kruċjali li jiġi stabbilit l-eżistenza ta' provi jew indizji oħra ulterjuri li jorbtu lill-appellant ma' dawk l-addebiti. Din il-prova ma nġabitx;

Illi lanqas ma jista' jingħad li mix-xhieda prodotti kien hemm qbil fuq kif ġraw il-fatti u l-kunflitt fil-provi huwa minnu. Mill-provi prodotti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tgħid li kienet f'posizzjoni li fiha leġittimament tiddikjara l-ħtija tal-appellant skont il-liġi u dan anki in vista tal-ħsieb addottat mill-Qorti tal-Maġistrati

fil-kawża **Il-Pulizija vs. John Vella**[5] fejn il-Qorti saħqet li l-elementi neċessarji abbinati mar-reat ta' serq kienu nieqsa u l-kunflitt ta' provi wasslu biex ir-reat li bih ġie addebitat l-akkużat ma jiġix ippruvat;

Illi sussegwentement ir-reat *per se* qatt ma jista' jissussisti peress li sabiex jiġi ppruvat l-element tal-intenzjoni fid-dawl tal-akkwist – liema elementi huma prattikament neqsin f'dan ir-rigward – u dan senjatament peress li ma nġiebu l-ebda provi li kien l-appellant li filfatt wettaq ir-reat a dannu tal-vittma. Għaldaqstant l-appellant għandu jiġi lliberat minn din l-akkuża.

Osservazzjoni in sostenn tar-raba' akkuża

Illi jsegwi għalhekk li l-appellant bl-ebda mod ma jista' jinstab ħati taż-żewġ imputazzjonijiet addebitati lilu. Għaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex għalfejn tikkunsidra jekk l-appellant kisirx kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza preċedenti u dan tenut kont tal-fatt li l-appellant kellu jiġi lliberat mill-imputazzjonijiet preċedenti.

Illi matul is-smiegħ tal-każ kienu osservati serje ta' kontradizzjonijiet lampanti fir-rigward ta' ċirkostanzi importanti fid-diversi dikjarazzjonijiet ġuramentati li għamlet l-allegata vittma nnifisha. Dawn in-nuqqasijiet kruċjali kellhom jiġi kkunsidrati meta l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet il-ġudizzju tagħha;

Illi x-xhieda okulari f'din il-kawża kienu Micaela Attard u Monica Agius. Id-depozizzjonijiet tagħhom kienu kjarament differenti kemm fil-ħinijiet u anki f'ċertu fatti li ssemmew u għalhekk iqajmu dubju serju dwar il-kredibbiltà tagħhom;

Illi b'referenza għall-provi kollha prodotti naslu għall-konvinċiment li l-prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għas-sejbien ta' ħtija fil-

[5] Deċiża fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015)

konfront tal-appellant skont l-imputazzjonijiet kif addebitati lilu. Kien l-oneru tal-prosekuzzjoni illi tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Ewwel Onorabbli Qorti li l-akkużi addebitati lill-appellant jimmeritaw konferma;

Illi l-prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-aħjar prova u l-provi li ġabet huma ferm mbiegħda mill-piż tal-prova rikjesta mil-liġi, u ċioe dak fil-grad ta' ċertezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad rikjest fil-kamp penali u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tillibera lill-appellant jew tal-inqas għandha tapplika piena karċerarja iktar idonea u ekwa għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi huwa allegat li fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) waqt li Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius[6] kienu f'San Giljan, avvicinawhom zewg irgiel li talbu sigarett lil Monica Maria Ann Agius li din minn naha taghha tathom sigarett;

2. Huwa allegat li sussegwentement l-appellant ghamel mus ma ghonq Micaela Attard filwaqt li beda jigbed il-handbag bir-rizultat li hadulha. Micaela Attard u Monica Agius jallegaw li baqghu jigru wara dawn iz-zewg irgiel u li f'mument minnhom l-appellant dar lura u prova jaghti daqqiet bil-mus fl-istonku ta' Micaela Attard. Micaela Attard tispjega li ma tlaqtitx minhabba li kellha coat kbir[7];

3. Huwa allegat ukoll li Micaela Attard u Monica Agius baqghu jigru wara l-appellant u gie mizmum minn securities li kienu mal-istabbiliment bl-isem ta' 'Playground' fejn sussegwentement waslu l-Pulizija u arrestaw lill-appellant.

[6] Fix-xhieda taghha din ix-xhud hija indikata bhala 'Monica Agius'

[7] Meta Micaela Attard xehdet l-ewwel darba fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) li 'il-kowt kien kbir u mn' Alla ghax beda jmissu,' filwaqt li meta regghet xehdet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta mistoqsija 'Pero' l-coat ma laqatulekx?' wiegbet 'Le, le'.

4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-appellant qieghed jappella kemm mill-htija kif ukoll mill-piena. L-appellant gie misjub hati ta' serq ikkwantifikat bl-aggravji tal-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centemzu (€2,329.37), tal-vjolenza u tal-hin. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Adrian Valletta'**[8] li din il-Qorti sejra taghmel referenza ghaliha aktar il' quddiem f'din is-sentenza u jissottometti li sabiex jissussisti r-reat ta' serq, il-*contrectatio tar-res aliena* jrid isir b'mod frawdolenti u *se mai* t-tehid tal-oggett ikun sar bl-intenzjoni li dan ittiehed minghajr terzi u t-tehid ikun sar ghad-dannu ta' terzi. Jissottometti li hu essenzjali biex jigi ppruvat is-serq li jkun hemm l-intenzjoni, il-mens rea u mhux biss it-*tehid tar-res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *con animo di farne lucro*.

L-appellant jissottometti li fil-kaz odjern hu stat ta' fatt li l-prosekuzzjoni fid-dawl tal-akkuza principali tas-serq ipproduciet numru ta' xhieda izda fis-sustanza tax-xhieda taghhom bl-ebda mod ma rrizulta li kien filfatt sar ir-reat ta' serq bl-aggravji kollha tieghu mill-appellant. Jghid li meta wiehed jixtarr dak sottomess mix-xhieda, iktar iqumu dubji u suspetti kemm dak li xehdet l-allegata vittma kien konsistenti. L-appellant jaghmel ukoll sottomissjonijiet dwar li l-elementi tar-reat tas-serq huma nieqsa, dwar kunflitt ta' provi u dwar in-nuqqas ta' intenzjoni. L-appell tal-appellant huwa principarjament ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet ʻ**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[9]:

ʻ*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 (Appell Numru: 37/2015)
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)

*tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[10]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [11]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[12]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[13]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[14], inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Id-data ta' din is-sentenza tinsab aktar l-isfel fin-nota ta' qiegh il-pagna)

L-appellant kien misjub hati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjoni li taqra:

*'Akkuzat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serqa ta' handbag għad-detriment ta' Micaela Attard, liema serqa hija kwalifikata bil-'vjolenza', bil-'ħin', u bil-*

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

*'valur' li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u dan bi ksur tal-Art. 261 (a) (ċ) (f), 262 (1) (b), 267, 270, 276, 280, 289 tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;'*

Ix-xhieda principali huma l-allegata derubata Micaela Attard u l-habiba taghha Monica Agius. Fost affarijiet ohra, Micaela Attard fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjegat li '*l-Hadd mhux li ghadda imma ta' qabel ghall-habta tal-ghaxra u nofs konna qeghdin jiena u l-habiba tieghi Monica nistennew lil shabna hergin minn stabbiliment fi Triq il-Qasam, ftit il-fuq mill-bajja ta' San Gorg, meta ghaddew zewgt irgiel. Il-habiba tieghi dak il-hin harget sigarett mill-pakett tas-sigaretti taghha u kien ghadu f'idejha l-pakkett tas-sigaretti. Meta ghaddew zewgt irgiel u wiehed minnhom staqsiena ghal sigarett. U l-pakkett kien f'idejha tas-sigaretti u tathom tnejn. Ghax kienu tnejn, Kienu zewgt irgiel. Ippruvajt ma' nharisx, kont qed inhares lejn il-habiba tieghi dak il-hin, fuq in-naha tal-lemin. Kienet qieghda fuq in-naha tal-lemin. Meta f' daqqa u l-hin just harist in-naha l-ohra. Meta nhares in-naha l-ohra ndawwar wicci lejn in-naha l-ohra, nhoss xi haga taqta' ma ghonqi.*' Tghid li '*In-naha tax-xellug. Hekk hu. U mbaghad indunajt infatti li huwa mus mill-handle minn taht il-ghajn. Bdejt narah li huwa mus u bdejt inhoss ix-xafra qieghdha m'ghonqi. Dak il-hin thossok qisek ser tidhol any hin, u niftakar li beda jghajjat bil-lingwa tieghu.*' Spjegat li '*ahna konna just qed nistennew bilqeghda fuq il-hogor, wara jkollok ir-railings, dawk li jitilghu fi Triq il-Qasam, fejn l-EF konna, fejn l-iskola tal-Ingliz. Dak il-hin konna qed nistennew lil shabna hergin mill-istabbiliment, kien ha jghaddu ghalina. Jigifieri dan f' temp ta' zewg minuti, hames minuti. Meta habiba tieghi dak il-hin sakemm qed nistennew harget pakkett tas-sigaretti*'. F'salt wiehed gew tnejn. Spjegat li '*kien hemm zewg persuni, wiehed tal-hoodie talabna, beda sejjer: 'Sigarett, sigarett,' talab lil habiba tieghi. Jien ppruvajt ma' nharisx u ppruvajt qisni ma' nkunx parti minnha l-bicca tax-xoghol. Allura ghalhekk kont qed inhares l hemm. Tathom zewg sigarettiu just f' hin minnhom, jiena hsibthom li telqu. F' hin minnhom indawwar wicci u nhoss xi haga taqta fuq in-naha tax-xellug.*' Giet murija mus esebit bhala Dok MS u kkonfermat li dak hu. Qalet li '*Hassejtu m' ghonqi hawnhekk. In-naha tax-xafra m' ghonqi hawnhekk.*' Hija gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kellu l-mus f'idejh. Spjegat li '*ma' nifhimx il-lingwa tieghu. Qisu ma' nafx x'ried. Onestament ma' nafx x'ried. Beda jghajjat u dak il-hin harist f' ghajnejh u jien ma' ppanikkjajtx, harist f' ghajnejh u kellu l-mus jaqta m' ghonqi u*

*ghidtlu: 'Int bis-serjeta'?' qas tkun tista temmen dawn l-affarijiet li jistghu jigru lilek. U rega beda jgedwed u mbaghad bil-lingwa tieghu u jiena ma' stajtx nifhmu x'ried. F'daqqa u l-hin tfajt harsti l-isfel, ghax ahna bilqeghda konna qeghdin, bil-handbag tieghi fuq hogri, mghotti b'ideja, kelli kowt kbir iswed, b'dak il-hafna suf, kbir hekk, jigifieri u l-handbag kien iswed zghir. U mbghad harist l isfel u meta mbghad dak il-hin, hu qabad idejh l-ohra u waqt li halla l-mus m'ghonqi, u mbghad beda jigbed mic-cinga tal-handbag. Beda jigbed, jigbed, waqt li l-mus zammu m' ghonqi, bix xafra m' ghonqi. Baqa jigbed u mbghad jiena dak il-hin stajt gbidt ftit imma hallejtu jiehdu hux. U telqu jigru hu u r-ragel l-iehor li kellu mieghu. Telqu jigru sew. Jigifieri ahna konna bit-tkaken dak il-hin, pero bdejna nhossuna responsabbli li ha jwegga lil xi hadd iehor. Il-mus kien ghadu l-barra, zammu hekk,'.*

Micaela Attard xehdet ukoll li l-mus kien ghadu miftuh u bdew jaraw x'rotta ha jiehdu u huma hadu l-istess rotta. Spjegat li '*huha r-rotta tal-Westin Dragonara. Li twasslek ghall-Westin Dragonara. Kulhadd jaf li hemmhekk familji u hekk ikun hemm. U ridna nigbdu l-attenzjoni tas-Securities li jkunu qeghdin fuq barra biex forsi ngibu xi tip ta' ghajnuna minn naha taghhom. Pero' malli, jigifieri huma kienu diga qatghuna bicca sewwa, kienu fil-boghod, u ahna konna bit-tkaken, ahna grejna kemm stajna. Pero' ovvjament tkun limitata. Meta mill-boghod il-persuna li kellu l-mus, meta fl-ahhar telaq bil-basket nahseb li l-aktar haga li seta' jiehu dak il-hin, jiena ma' nafx x' intenzjonijiet kellu, infatti jien ma' nifhimx il-lingwa tieghu, u ma' nafx x'beda jistaqsini, fil-bidu, telaq bil-basket, f'din ir-rotta li qed nghidlek li ha ghall-Westin Dragonara u faccata naf ukoll illi hemm certu Clubs u kien hemm hafna nies barra. Ikun hemm hafna nies barra u ahna bdejna nibzghu li ha jwegga lil haddiehor, ghadu bil-mus miftuh u ssir tragejda ohra. U qbadna dik ir-rotta, meta huma kienu qatghuna sew, meta dan f'daqqa u l-hin iddecieda li jdur lura, dar lura fuqi, bil-mus miftuh u hemmhekk ikkonfermajt li kien ghadu miftuh u beda jaghtini daqqiet fl-istonku.*' Mistoqsija fejn kienu meta reghhu ltaqghu qalet li kienu ghadhom fl-istess Triq il-Qasam, kienu ghadhom lanqas waslu fejn il-Westin meta ddecieda li jdur u mar ghal fuqha. Tghid li '*Il-persuna li hadli l-handbag eventwalment kellu l-mus ghadu ppuntat u din id-darba pprova jniffidni. Beda jtini daqqiet tas-sikkina, mhux wahda jew tnejn, hekk, konsekutivament.*' Spjegat kif beda jghajjat u jaghti bis-sikkina gol-kowt u li beda jolqot il-kowt. Tispjega kif ma tistax tinsa din it-trawma u li ghandha xokk. Tghid li minn rokna f'ghajnejja rat il-habib tieghu u telaq mieghu. Spjegat '*U mbaghad baqghu*

*ghaddejjin bir-rotta l-fuq, l-istess rotta ghall-Westin Dragonara u meta wasalna, ghax dik hemm telgha u at some point tibda terga niezla. Bdejna nghajtu kemm nifilhu ghan nies biex joqghodu attenti ghax dan ghandu arma f' idejh, jista jwegga lil min imiss mieghu. U bdejna nghajtu u bdejna nigru u nghajtu. Dak il-hin gbidna l-attenzjoni tas-Securities li kienu quddiem club partikolari, hemmhekk faccata tal-Westin Dragonara u n fatti qabduh. Qabduh ftit l-isfel ezatt faccata tal-entratura tal-hotel.*' Qalet li rathom jaqbduh u jzommuh lilu ghalkemm kienet ghada ma waslitx. Waslu bi qtugh ta' nifs kbir izda waslu u ratu jzommu umbghad cemplu lil Pulizija. Spjegat li hu beda jaghti mal-hajt, jaghti b'rasu mal-hajt pero s-securities zammewh sew u l-Pulizija gew mal-ewwel. Tghid li '*bil-handbag ghadu f' idejh. Dak il-hin jigifieri pprova, kif taqbad tghid, is-Securities gibduhulu minn idejh biex jaghtuhuli, imma mbghad ghidtilhom: "Zommuh hemmhekk, x'hin jigu l-Pulizija nhallu f' idejhom."*

Micaela Attard tat spjegazzjoni ta' dak li kellha fil-handbag fejn qalet li li kelha '*zewg mobiles, portmoni, wallet*' u cioe '*kelli iPhone 8, jiswa madwar €1000, kelli iehor qisu imitation tieghu, forsi jiswa 500, l-iktar. Kelli n-nuccali tal-vista, ta' Dolce Gabbana, voldieri jiswa 500-550. U kelli xi flus fil-portmoni, cards, cwievet tal-karozza, kollox hu. Kollox. U xi make up ha nghidu hekk, affarijiet li ha ggor tfajla hux.*'

In kontro-ezami spjegat li dan kien il-Hadd tmintax (18) ta' Frar, mhux il-Hadd li ghadda izda ta' qabel fl-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10:30pm). Tghid li minn meta kienu bilqieghda, sakemm gara l-ewwel attentat tal-mus, sakemm imbghad grew u rega gie ghaliha u waqaf il-kaz ghaddew ghaxar (10) minuti, hmistax (15)-il minuta maximum. Qabduh is-securities tal-club bl-isem ta' Playground u fi zmien zewg (2) minuti jew tlieta (3) gew. Tghid li meta s-securities waqfuh, bejna u l-aggressur kienu l-boghod, zammew id-distanza. Il-habiba kienet warajha meta beda jipprova jolqotha. Mistoqsija min fejn gew is-Securities wiegbet li '*Huma hargu, huma kienu fuq barra, jiena rajthom jigifieri waqt li jien kont qed nigri u qed nghajjat. Rajthom telqin mill-bieb, tas-Security tal-Playground ghal warajh u mbghad qabduh hemm isfel.*' Spjegat li kien bis-sikkina miftuha u seta' jwegga lil kulhadd min messu. Bdew jinkwetaw li ha tigri xi tragedja ohra. Spjegat li '*Bdejna nghajtu kemm nifilhu: "Ghandu mus, ghandu mus."*

*Bdejna nallarmaw in-nies. Li ismghani, dan ghandu arma f' idejh.'* Lis-Securities '*Bdejna nghajtu. Semghuna. Gew minn jeddhom jigifieri u semghu l-ghajjat taghna.*' Meta mistoqsija x'ghamlu wara li marru l-Ghassa tal-Pulizija, tghid li marret ghand il-habiba tagha u li kellha trawma. Tghid li cemplet lil ommha u wara iltaqghu ma xi zewgt'ihbieb biex jghidulhom x'gara. Lil ommha u lil missierha cempltilhom mill-Ghassa tal-Pulizija. Tghid li dak in-nhar ma marritx l-Isptar izda marret it-Tnejn. Tghid li ma hargitx izda wara tghid li ltaqghu mal-hbieb fejn hallewhom. Marru 'playground' jiehdu drink u jghidu grazzi lis-securities. Ma tafx kemm damu bhala hin izda mhux hafna kemm jghidulhom x'gara u daqshekk, siegha l-aktar. Tghid li hadet drink wiehed Rum Kinnie u li '*Ikolli wisq fuq mohhi.*' Tghid li wara marret id-dar.

Monica Agius fl-istess seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li hi u Micaela kienu ma xi hbieb u l-*boyfriend* taghha l-'Infinity'. Hargu u marret tbiddel ghand ommha li toqghod Triq il-Qasam. Dan kien il-Hadd it-tmintax (18). Spjegat li '*l-boyfriend tieghi qalli biex nistennih fejn l-EF, halli mmorru nixorbu x'imkien iehor. Sadanittant kont qed inpejjep sigarett u jigu zewg irgiel u staqsewni ghal sigarett. Jien kelli l-pakkett f' ideja u tajthom. Wiehed minnhom staqsieni jekk ghandix boyfriend bl-Ingliz, u jiena ghidtlu: "Iva, dalwaqt gej." U kif ghidt hekk,kif ghidt hekk l-iehor hareg il-mus u ghamlu m' ghonq Micaela. Jien qbadt nghajjat, hi qabdet tghajjat ukoll u gbitha. U hu sadanittant qed jigbdilha l-basket. U ghadu bil-mus u qed jimmambilja bil-lingwa Libjana. Qomna, jien bdejt naghti kaz lil iehor ma' jmurx iweggani l-iehor minn wara, imma m' ghamel xejn. U grejna bicca. Kif grejna bicca, rega dar,*' Hija gharfet lill-imputat. Spjegat li meta dawn iz-zewg irgiel gew fuqhom staqsiha ghal sigarett, '*L-iehor mhux dan*'. Spjegat li '*Staqsieni ghal sigarett. U dak li staqsieni ghal sigarett kien qisu naqra ferhali u staqsieni jekk ghandix boyfriend. Ghidtlu: "Iva, daqt gej." U kif ghidt hekk, kollox in an instant, qabad il-mus, dak, u tefghu m' ghonq Micaela.*' Bil-kelma '*Dan*' qed tirreferi ghal akkuzat. Tghid li l-akkuzat ghamel il-mus m'ghonq Michaela. Spjegat '*Ghax kien qed ikellimni l-iehor u in an instant insib il-mus m' ghonq Micaela.*' Hi u habibta kienu fuq cint, kienu tahthom u kellu jitbaxxa biex ipoggi l-mus. Tghid li l-

mus kien injam u hadid, u li l-kulur tal-injam kien car. Hija giet murija l-mus esebit bhala Dok MS u qalet li simili, li xi haga hekk rat.

Dwar x'semghet meta kellu l-mus ma ghonq Micaela wiegbet li '*Beda jitkellem bil-lingwa tieghu, ma' bdejtx nifhmu. Naf li jiena ppanikkjajt. Micaela qaltlu: "Int bis-serjeta'?" ippanikkjat ukoll. U jiena qed nigbidha u sejra hekk bil-handbag. Ma' nafx ghala bdejt sejra hekk bil-handbag.*' Tghid li telqu u rega gie u ghamel movimenti diretti lejn l-istonku ta' habibta. Spjegat li '*Huma grew bis-sahha u ahna bit-takkuna. Jigifieri ma' stajniex inlahhqu maghhom. Imma just il-punt jiena ghalfejn grejt u hi griet ghax round the corner kien hemm Club u kont naf li ha jkun hemm is-Securities barra. To aware them.*' Tghid li '*mbghad vera mar il-boghod, ghax ahna nhsadna dak il-hin. U allura mbghad wara li gara hekk qisna we stood still in a way bil-panic, b' kollox u grew. Grew, grew.*' Meta ghamel '*Multiple movement ghal istonku taghha.*' hi kienet warajha izda mhux warajha ezatt ghalkemm setghet tarah. Spjegat li '*Grejna, fit-triq Micaela rat xi rgiel u waqfet biex tghidilhom biex jghinuna, imma ma' tawx kas. Jiena bqajt nigri u bdejt nghidilhom: "Aqbduh, aqbduh, ghandu l-basket." Ghax dik l-unika haga li dahlitli go mohhi dak il-hin. Jiena bqajt nigri u s-Securities rawni, grew bicca, jigifieri dawn gew fil-kantuniera ta' fejn faccata tal-Ocurama. Fil-kantuniera. Jiena bqajt nigri, ghamluli hekk biex nikkalma, jigifieri biex juruni li qabduh. U bqajt nigri u rajt lil dak mal-art,*' jigifieri '*L-akkuzat mal-art b' zewg Securities fuqu. Li jiena naf li jahdmu go Playground. F' hin u l-mument rajt il-mus hiereg u gie f'idejn wiehed mis-Securities*'. Mistoqsija minn fejn hareg il-mus wiegbet '*Ma' stajtx nara ezatti ezatt. Imma naf li tela' u gabar il-mus f'idejh. U kellu f'idejh il-basket ta' Micaela. U staqsiena jekk hux taghna, u tahulna. U cempilt lill-Pulizija u gew il-Pulizija within two minutes.*' Dan kien l-ghaxra u nofs (10:30), hdax neqsin kwart (10:45). Wara gew il-Pulizija u marru l-Ghassa u ghamlu xi hamsa u erbghin (45) minuta sa siegha u wara marru 'Playground'. Mistoqsija ghalxiex marru 'Playground' wara esperjenza trawmatika bhal din, wiegbet li l l-hbieb ma kienux jafu x'gara u biex jghidu grazzi lill-istaff. Damu xi tlett (3) sieghat. Tghid li baqghu hemm ghax kien hemm huha, l-gharusa tieghu, hbieb ohra u l-boyfriend.

Din il-Qorti issa ser taghmel referenza ghax-xhieda tas-securities u cioe' Mohammed Musbah On li xehed fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Xehed li jahdem bhala Security Paceville fit-triq tal-Westin. Spjega li '*Jien kont wieqaf quddiem il-bieb u jien smajt xi ghajjat, mara, smajt lehen ta' mara, jien rajt xi had jigri*'. Bdiet tghid '*help me.*' Jghid li '*Jien rajt lil xi hadd jigri qbadtu u poggejtu fl-art.*' Mistoqsi biex ihares madwaru u jekk jgharfux wiegeb li '*Mela konna jien u siehbi, dak li jahdem mieghi jismu Hamza. Dan il-kaz sfortunatament sar malajr f'hin qasir u fi triq kien dlam, ma kienx fi nhar.*' Xehed li '*Jien ma fhimtx bil-Malti, il-mara baqghet tghajjat ghal ftit..*' Jghid li '*Il-mara kienu warajh mhux boghod hafna din il-persuna, t-tfajla jigifieri*'. Mistoqsi jekk kinitx warajh it-tfajla wiegeb '*Iva ma kinetx boghod hafna, ftit ghalhekk hu qed jispjega lill-Qorti li dik hi r-raguni li l-mara li ma kinetx il-boghod hafna fizikament u indunajt li din it-tfajla ghandha x'taqsam ma' dak l-accident.*' Wara gew il-Pulizija. Jghid li ma tkelmux, kien is-Sibt[15] kien hemm hafna xoghol, kien busy hafna. Jghid l-unika haga li jiftakar l-istampa ta' wiccu, kien xaghru twil. Mistoqsi jekk kien qed igorr xi haga wiegeb '*Jien kif rajt il-persuna sfortunatament gie minn wara u zammejtu idejja minn wara, jien u persuna ohra. L-isem tal-persuna l-ohra kien Hamza u wara ftit ma damx il-kaz, f'habta u sabta gew il-Pulizija fuq il-post tal-accident.*'

Is-security l-iehor kien Hamza Elhadi S Essayed li xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa spjega li kienu weqfin quddiem nightclub bhala security fuq ix-xoghol, hu u certu Musbah, Libjan kienu flimkien. Spjega li '*Ahna bdejna nisimghu tfajla tghajjat 'ghinuni, ghinuni' xi tfajla. Rajt li xi hadd jigri u ahna bdejna nsegwu lil dak il-persuna li kien qed jigri, imxejna warajh u ahna qbadna lil dak ir-ragel li kien qed jimxi u qbadnih u ahna kif waqqafna dak il-persuna li kien qed jigri, poggejnih mal-art u gie l-Pulizija u jien ergajt lura fil-post ta' xogholi security*'. Mistoqsi jekk jgharafx lil persuna li waqqaf jghid li '*Lill-akkuzat qed nispjega lill-Qorti prezenti dak il-hin kien id-dlam*'. Il-Qorti kkumentat li x-xhud ma gharafx l-akkuzat. Spjega li '*Jien ma niftakarx dan il-kaz ghall-perjodu sfortunatament, jien fil-qasam tax-xoghol jigruli hafna affarijiet bhal dawn, ma niftakarx li naghti r-ragunijeit lill-persuna li gie akkuzat x'kien fil-mumenti li wettaq dak ir-reat, pero' ma naf xejn dwar il-kaz*'. Spjega li '*Help*

[15] Skont ix-xhieda ta' Micaela Attard u Monica Agius, il-jum kien il-Hadd mhux is-Sibt.

*smajt il-kelma help*'. Mistoqsi x'kienu qeghdin jaghmlu n-nisa wiegeb '*Dik it-triq hi triq twila, mela jien dik it-triq twila sfortunatament, jiena u Musbah konna flimkien u habta f'sabta smajna l-ghajjat u fil-hin mument li rajna lil dak ir-ragel jigri habta u sabta mort nigri wara dak ir-ragel li waqqafna*'. Jispjega li fil-mument li ra r-ragel jigri, mar jigri warajh u qabduh u waqqfuh. Jghid li '*Fil-bidu nett waslu xi tlett Pulizija fuq il-post tal-incident u wara ftit giet karozza tal-Pulizija wkoll u ahna konna busy hafna fuq ix-xoghol u kif gie l-Pulizija*'. Spjega li '*Ahna waqqafna lil dak ir-ragel, zammejnih mal-art, kif gie l-Pulizija u wasal fuq il-post u gie l-Pulizija u ha l-kaz f'idejh*'.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal *Current Incident Report* li jinsab a fol 3 et sequitur tal-process. F'dan ir-rapport tnizzel fost fatti ohra li '*Illum ghal habta ta 23:20hrs Wpc376 Butigieg irceviet telefonata mill-Control Room ili gewwa Triq il-Qasam ta San gorg kien hemm zewg tfajliet li kienu ghadhom kif gew misruqa min persuna barranija u kien hemm xi securities li kienu waqfuh.*
*Ps345 Cremona flimkien ma Pc759 u Wpc367 irrikorrew fuq il-post fejn hemmhekk sabu lil Kwerelant kif ukoll lil dan l-persuna li huwa barrani li kien qied mizjum min zewg bouncers.*
*ATTARD, MICAELA- ID Card: 0214593M flimkien ma AGIUS, MONICA MARIA ANN - ID Card: 0020202L, kienu qedin fi Triq jitkelmu fejn f'hin minnhom ghaddhew zewg barranin fejn saqsew lil kwerelanti ghal sigarett fejn AGIUS, MONICA MARIA ANN - ID Card: 0020202L tghathom sigarett dlonk kif dawn iz-zewg barranin hadu is-sigarett wiehed mill-barranin qabad ic-cinga tal-handback ta ATTARD, MICAELA - ID Card: 0214593M kif ukoll ghamel sikkina ma ghonq ATTARD, MICAELA- ID Card: 0214593M.*
*Is-sinjura ATTARD, MICAELA - ID Card: 0214593M kif rat hekk hija bdiet tigri wara dan il-barrani fejn l-istess ATTARD, MICAELA - ID Card; 0214593m bl-ghajnuna ta Bouncers li kienu quddiem 'Playground' irnexxielhom iwaqfu lil wiehed mil-barranin quddiem 'Okurama'. Il-Persuna relatata li tieghu ma ghandiex identifikazzjoni gie mehud l-ghassa ta San giljan bl-assistenza ta Pc 1215 u Pc 1025 mill-iskwadra tal-RIU....*'

L-Ispettur Matthew Spagnol xehed fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjega li '*Nhar it-18 ta' Frar ta' din is-sena, ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija, gejn infurmat mill-Ghassa San Giljan li gie arrestat ragel Libjan dwar mugging, serqa bi vjolenza. Minn hemmhekk spjegawli daqsxejn lid an kien ghamel mus m' ghonq tfajla fi Triq*

*il-Qasam ta' San Gorg, vicin l-EF, serqilha l-handbag u harab jigri. Inqabad ftit tal-minuti wara minn xi Securities tal-istabbiliment Playground.*' Spjega fost affarijiet ohra li '*l-istess Surgent li kien infurmani dwar l-arrest provdieli mus, li kien instab fuq din il-persuna, li mid-dehra ntuza biex issir is-serqa.*' Spjega li meta ha l-verzjoni tal-vittmi f'aktar dettal wara li kien tressaq '*Fejn meta rgajt tkellimt maghhom, jidher li kien hemm stadju matul is-serqa li ma' kienx imsemmi. Li kien gara li l-mus kien tqieghed ma' ghonqhom qabel ittiehed il-handbag, dan harab minn fuq il-post, huma grew warajh imma ma' setghux jilhquh, ghax kien il-boghod wisq minnhom. Dan f'hin minnhom waqaf, dar lura ghal Micaela Attard bil-mus u pprova jniffidha diversi drabi. Din irnexxilha biss tevitah billi sehbitha gibditha lura u hi resqet lura b'kollox. Ghal xi raguni l-imputat rega dar u harab u bl-ghajjat u t-twerziq taz-zewg nisa s-Securities tal-Playground indunaw bih u zammewh huma stess,sakemm gew il-Pulizija.*' PS 345 Mark Cremona xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li fit-tmintax (18) ta' Frar ta' dik is-sena ghal habta tal-hdax neqsin kwart (10:45) gie infurmat mill-orderly tieghu WPC376 Yana Buttigieg '*Li gewwa Dragonara Road, kien hemm xi argument. Jiena kelli patrol, kont qieghed duty Paceville dak il-lejl, kelli patrol lil PC 759 u lil WPC 367 u infurmajthom li kelli niltaqa maghhom fejn infurmatna li kien hemm dan l-argument. X'hin wasalt sibt zewg bouncers, l-isem taghhom li qaluli dakinhar, Musbah Alfnaz u Hamza Hez, li raw lit-tfajla lil kwarelanta Michaela li kienet qed tigri wara persuna li wara rrizulta li huwa bl-isem ta' Munir Mohammed Ali Gammudi. X'hin wasalt fuq il-post innutajt li hdejh kien hemm mus li gie elevat minni. Dakinhar stess ukoll, il-control room infurmat lil units tal-RIU, fejn gew jassistuna u jien ordnajt liz-zewg kunsitabbli tal-RIU sabiex jeskortaw lil Gamudi l-Ghassa ta' San Giljan u jien nizzilt lil kwerelanta li kienet flimkien ma' persuna ohra, nghidlek l-isem taghha, Monica Marianna Agius, kienu flimkien dawn. Michaela rrakontatli li dakinhar huma kienu qeghdin quddiem l-iskola tal-EF, fejn avvicinawhom tnejn min-nies, wiehed minnhom Gamudi u talbuhom sigarett. Michaela tat sigarett lil wiehed minnhom u x'hin marret biex tatih il-lighter, wiehed minn dawn l-persuni li huwa Gamudi ghamlilha sikkina ma' ghonqa u gibdilha l-handbag u telqu jigru. Ezatt x'hin telqu jigru, hi ppruvat izzommu Michaela u telqet tigri warajh u huma u jigru wara xulxin, bdiet tghajjat u z-zewg securities li semmejt aktar kmieni telqu jigru u waqfu lil Gamudi fil-kantuniera gewwa Triq Dragonara. Imbaghad eventalment inzilna ahna.*' Huwa gharaf lill-akkuzat. Jghid li tawh id-drittijiet u ghamel tfittxija fuqu pero ma nstab xejn hlief il-mus li gie elevat u

mghoddi lill-Ispettur Spagnol. Ma rax griehi fuq il-persuna li rrapurta izda ssugerixxa li tmur il-poliklinka ghax kella qatgha qawwija. Ma pproducietx l-ebda dokument. Huwa gharaf ir-rapport.

PC 759 Alan Mercieca xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*Nhar il-Hadd 18 ta' Frar 2018, kont dettaljat xoghol, duty go Paceville u ghal habta tal-hdax ta' filghaxija jien kont flimkien ma' WPC 367 fi Triq Dragonara, gewwa Paceville stess u x'hin wasalna faccata tar-restaurant Okorama, avvicinatna persuna femminili, u qaltilna li ghadha kemm cemplet ghal assistenza tal-Pulizija, certu Michaela Attard, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 21453(M) u dak il-hin stqarriet maghna li kienet ghadha kemm serqitilha il-handbag taghha, kif ukoll ghamlitilha sikkina ma' ghonqa. Hija kompliet tghidilna li x'hin rat hekk bdiet tigri warajh u bl-ghajnuna tal-bouncers li kiena hemm quddiem l-istabbiliment Playground irnexxilhom izzomuh u jwaqqfuh. Sa x'hin jiena u WPC367 konna qeghdin nitkellmu ma' Michaela Attard u l-habiba taghha Monica, wasal fuq il-post PS345 mill-Ghassa ta' San Giljan, kif ukoll PC 1215 u PC 1025 mill-iskwadra tal-RIU. Minn hemmekk ahna ersaqna fejn kien mizmum dan il-persuna barranija. Irrizulta li huwa certu Munir Mohammed Ali Gumudi, detentur tal-karta tal-identita' numru 133089(A) u minn hemmekk ge infurmat bl-arrest tieghu. Inghatawlu d-drittijiet, kif ukoll gie eskortat lejn l-Ghassa ta' San Giljan minn PC 1215 u PC 1025 ghal aktar investigazzjonijiet minn naha ta' PS 345*'. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Minn naha l-ohra l-imputat fl-istqarrija[16] rilaxxata fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) qal li '*Jiena intqajt ma wiehed Khalifa Shirgawi, f'Paceville, fejn ikun hemm is-suwed ibihhu l-haxixa, u bqajna flimkien. Imbaghad hin minnhom niftakar li kien hemm problema ma zewg tfajliet u zewg irgiel ohra li kienu ma dawn it-tfajliet. Niftakar biss illi wiehed mill-irgiel taghni*'. Jghid li Khalifa huwa traffikant ta' droga. Huma hbieb ghax iltagqhu l-habs. Ilu jghix Malta aktar minn sentejn u spejga li gie bhala refugjat. Huwa ilu xahrejn li skonta sentenza. Qal li ghandu tfajla, kien gieli joqghod ghandha San Gwann, u gieli jkun ghand il-hbieb Bugibba, Msida u gieli go xi hotel.

[16] Li tinsab a fol 9 et sequitur

Ghandu kaz pendenti u ma ghandux vizzji. Qal li ma jahdimx u xi kultant il-familja tieghu jibghatulu flus minn barra. Jiehu flus tal-benefficcji, saqsa hafna nies ghax-xoghol imma ghal xejn. Ikkonferma li wehel zewg sentenzi tal-Qorti wahda sentenza sospiza u wahda ta' habs. Ikkonferma ukoll li ghandu multa ta' 500 ewro li ma hallasiex. Qal li jmur kuljum Paceville f'hanut jismu Mabruk tas-sandwiches, kultant filghodu u kultant wara nofsinhar, filghaxija ma jmurx. Mistoqsi l-hadd li ghadda jigifieri jumejn ilu x'kien qieghda jaghmel Paceville wiegeb li '*jein ninbsa hafna, ghandi l-arlogg tal-mobile bil-hsara, u niehu pinnoli u medicine u ninsa*'. Huwa gharaf il-mus bhala ta' khalifa u ma jafx kif gie ghandu. Kif ha d-daqqa go rasu ma jiftakar xejn. Li jaf li Khalifa kellu pouch u generalment dejjem ikollu mus fuqu. Jiftakar li '*Jiena u Khalifa konna mixjin flimkein, u f'xi moment konna flimkien u hu qalli "barra barra issa nigi*"; u f'xi moment rajt lil Khalifa jigri, u jiena hawnhekek qbadt nigri wara khalifa. Hawnhekk hadt daqqa ta hadida fuq rasi. Niftakar dort u rajt id-daqqa gejja.' Wara d-daqqa ma jiftakar xejn. Dwar il-harba tal-bierah minn Mount Carmel u l-mobile li sabu fuq qal li meta harbu mar ghand habib tieghu, talbu flu u ma kellux u tah dak il-mobile biex ibieghu biex jieklu minnu. Din l-istqarrija u d-dikjarazzjoni tar-rifjut tad-drittijiet ma humiex iffirmati mill-akkuzat izda mill-atti ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni ghall-ammissibilita' ta' din l-istqarrija.

Din il-Qorti sejra tqis l-elementi tar-reat ta' serq. F'dan ir-rigward, l-appellant ghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Adrian Valletta</u>**'[17] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -*

*"l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

*Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq,*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 (Appell Numru: 37/2015)

*ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn* ***Carrara*** *fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Tanti***[18].

*Il-***Carrara** *jghid: "il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:*

*1. il-contractatio tal-haga,*

*2. li tappartjeni lil terzi,*

*3. maghmula b'mod frawdolenti,*

*4. minghajr l-kunsens tad-sid, u*

*5. animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist-* ***animo di farne lucro****. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante*

[18] Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*sottrazione senza violenza personale, kif jghid* ***Manzini*** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil- fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza* ***Il-Pulizija v S.Pisani*** [19]*-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l- kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

***Carrara*** *jghid : "avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri'**[20] gie kkunsidrat li:

*'Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem*[21] *li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l- Appell Kriminali*[22] *stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix*

---

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) tas-sentenza citata)

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 (Numru 209/2011)

[21] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[22] Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'*

Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill-

appellant hati ta' serq. Ghalkemm kif qalet l-Ewwel Qorti hemm dubji dwar dak allegat minn Micaela Attard dwar l-allegat tentattiv ta' *stabbing* li ma ssemiex a tempo vergine, u filwaqt li din il-Qorti tinnota li meta xehdet l-ewwel darba Micaela Attard qalet li l-coat kien iswed, sussegwentement meta mitluba biex tesebixxi dan il-coat qalet li kien intielef u meta rega xehdet prezentat il-coat li mir-ritratti esebiti u li jinsabu a fol 189 u 190 jirrizulta li l-coat kien iswed imhallat bl-ahmar u ftit ahdar, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti gie ippruvat li l-appellant seraq il-handbag minghand Micaela u fejn l-appellant kien imwaqqaf mis-securities wara li dawn semghu l-ghajjat tat-tfajliet li kienu qeghdin jigru wara l-appellant. Huwa minnu li l-kwerelanta giet imwiddba mill-Ewwel Qorti biex tghid il-verita' izda dan rigwardanti jekk hargitx wara li sehh l-incident u dwar x'sar mill-coat li kienet liebsa. Din il-Qorti tqis li mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Micaela Attard kien hemm certu riluttanza biex tixhed li filfatt xorta harget wara li sehh l-incident, dan filfatt jikkontrasta f'xi waqtiet ma dak li xehdet Monica Agius li kkonfermat li wara l-incident marru l-istabbiliment 'Playground' u damu madwar tlett (3) sieghat filwaqt li Micaela Attard xehdet li damet siegha l-aktar. Minkejja dan, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta f'li ssib htija tar-reat ta' serq stante li ma hemmx dubju li t-tehid tal-handbag kien sar sabiex isir il-qliegh u ghalhekk l-elementi kollha inkluz l-intenzjoni giet ippruvata.

Qabel ma tqis l-aggravanti l-ohra, din il-Qorti sejra tqis il-parti tal-aggravju rigwardanti serq aggravat bil-vjolenza. L-appellant jissottometti li hu pertinenti li l-akkuzat fil-hin tar-reat ikun armat b'arma u juzaha qabel jew waqt il-konsumazzjoni tar-reat ghal finijiet ta' biza versu l-vittma. Jissottometti li kienet l-allegata vittma u habibta Monica Agius li accennaw li l-appellat kien qieghed igorr arma fuq il-persuna tieghu u li huma hassewhom mhedda meta allegatament gew affacjati b'dan l-istrument waqt il-hin tal-allegat reat. Li l-allegata vittma rraportat u elaborat li hi giet attakkata mill-appellant u li dan sahanistra pprova jniffidha diversi drabi bil-mus. Jissottometti li kieku l-verzjoni tal-parti leza kienet konvincenti u veritiera ma hemmx dubju li l-akkuzi li bihom l-appellant kien akkuzat originarjament kienu jibqghu jissussistu u mhux jitwqaghu mill-Avukat Generali. Jissottometti Micaela

Attard spjegat li l-appellant uza l-mus kemm waqt li sar ir-reat u anke li wara li gie kkunsmat ir-reat u li skontha, hadet prekawzjoni u allarmat il-pubbliku li kien hemm persuna b'arma. Jissottometti li l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma resqet terza persuna li jikkonferma li kien hemm individwu li kien ta' periklu u li kellu arma f'idejh. Jissottometti li l-bouncers xehdu fin-negattiv u stqarrew li ma raw xejn f'id l-appellant u lanqas biss gharfuh fl-awla u li meta gew mistoqsija jekk gharfux il-mus li allegatament intuza huma wiegbu fin-negattiv. Jaghmel referenza ghal li Monica Agius qalet li l-mus kien simili u li dan iqanqal dubju li fil-kamp penali dejjem ghandu jmur favur l-akkuzat. Jissottometti li ghalkemm fil-hin tal-allegat reat l-appellant kien flimkien ma' Khalifa Shirgawi fl-ebda stadju ma gew elevati xi marki tas-swaba minn fuq il-mus, galadarba kien hemm zewg ndividwi fuq ix-xena tar-reat. Li seta' kien Khalifa Shirgawi li uza l-mus fil-hin tar-reat. Skont l-appellant dan il-punt johloq incertezza.

Din il-Qorti tqis li kemm l-vittma Micaela Attard u Monica Agius xehdu li l-appellant kellu l-mus f'idejh li tpogga ma ghonq Micaela Attard qabel ma pproceda biex jiehu l-handbag taghha. Micaela Attard filfatt gharfet il-mus prezentat fl-atti filwaqt li Monica Agius qalet li kien simili. Minn naha l-ohra s-securities Mohammed Musbah On ma semmiex il-mus izda mhuwiex minnu dak li jghid l-appellant fl-appell li ma gharafx il-mus, tant li li lanqas gie muri dan il-mus waqt ix-xhieda tieghu. Meta mistoqsi jekk kienx qieghed igorr xi haga wiegeb wiegeb '*Jien kif rajt il-persuna sfortunatament gie minn wara u zammejtu idejja minn wara, jien u persuna ohra. L-isem tal-persuna l-ohra kien Hamza u wara ftit ma damx il-kaz, f'habta u sabta gew il-Pulizija fuq il-post tal-accident.*' Dan ix-xhud izda jghid li kien is-Sibt meta jirrizulta li l-gurnata kienet il-Hadd. Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis ix-xhieda tas-security l-iehor Hamza Elhadi S Essayed li ftit li xejn baqa jiftakar, izda ftakar li kien hemm tfajla tghajjat ghal ghajnuna u li ra lil xi hadd jigri u li qabduh. Dan ix-xhud ma jsemmi xejn dwar il-mus u lanqas gie muri l-mus li jinsab fl-atti filwaqt li ma gharafx lill-imputat peress li kien id-dlam.

Mix-xhieda ta' PS345 Mark Cremona jirrizulta li mhux biss dawn iz-zewg securities kienu qabdu lill-appellant izda li anke kien eleva mus li kien jinsab hdejn l-appellant. Huwa filfatt xehed li '*X'hin wasalt sibt zewg bouncers, l-isem taghhom li qaluli dakinhar, Musbah Alfnaz u Hamza Hez, li raw lit-tfajla lil kwarelanta Michaela li kienet qed tigri wara persuna li wara rrizulta li huwa bl-isem ta' Munir Mohammed Ali Gammudi. X'hin wasalt fuq il-post innutajt li hdejh kien hemm mus li gie elevat minni.*' Monica Agius tghid li '*L-akkuzat mal-art b' zewg Securities fuqu. Li jiena naf li jahdmu go Playground. F' hin u l-mument rajt il-mus hiereg u gie f'idejn wiehed mis-Securities*'. Mistoqsija minn fejn hareg wiegbet '*Ma' stajtx nara ezatti ezatt. Imma naf li tela' u gabar il-mus f' idejh. U kellu f'idejh il-basket ta' Micaela. U staqsiena jekk hux taghna, u tahulna.*' Minkejja li l-appellant jissottometti fl-appell tieghu li ma ttiehdux impronti minn fuq dan il-mus minkejja li l-appellant jghid li kien ma Khalif, mix-xhieda ta' Micaela Attard u Monica Agius jirrizulta car li kien l-appellant li kellu l-mus u jirrizulta ukoll li dan il-mus gie elevatt minn PS345 Mark Cremona.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment ragonevolment issib lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-vjolenza gialadarba rrizulta li l-appellant kien armat meta sehhet is-serqa.

Ikkunsidrat;

Dwar l-aggravanti tal-hin, l-appellant jissottometti li l-prosekuzzjoni strahet fuq id-depozizzjoni tax-xhieda u fl-ebda stadju ma tressqu CCTV footage jew ritratti li kienu jitfghu dawl jekk l-allegata serqa sehhet fid-dawl tax-xemx jew f'xi hin iehor.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm ma tressqux CCTV footages, l-akkuza tirrigwarda l-'*ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija*', Micaela Attard xehdet li kien fl-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10:30pm) filwaqt li Monica Agius wara li spejgat li cemplet lil Pulizija giet mistoqsi jekk tiftakarx x'hin kien u qalet li l-ghaxra u nofs (10:30), hdax neqsin kwart (10:45). Mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta ukoll li '*Report Time*' tnizzel '*23:08*', '*Incident Time from: 22:45*' '*Incident Time to: 23:08*' u gie deskritt li '*Illum ghal habta ta*

*23:20hrs Wpc376 Buttigieg irceviet telefonata mil-Control Room illi gewwa Triq il-Qasam ta San gorg kien hemm zewg tfajliet li kienu ghadhom kif gew misruqa min persuna barranija u kien hemm xi securities li kienu waqfuh.*' PS 345 Mark Cremona xehed *li* '*Fit-18 ta*' *Frar ta*' *din is-sena, ghal habta tal-hdax neqsin kwart, gejt infurmat mill-orderly tieghi WPC376 Yana Buttigieg*' dwar li gewwa Dragonara Road, kien hemm xi argument.

Ghalhekk ma hemmx dubju li din is-serqa hija anke aggravata bil-hin peress li sehhet bil-lejl.

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-aggravanti tal-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), l-appellant jissottometti li galadarba gie ddikjarat mill-parti leza x'oggetti gew misruqa mill-handbag li kien fuq il-persuna taghha, kien jispetta lilha li ggib prova konkreta u sodisfacenti li l-handbag u l-kontenuti tieghu kellu valur li fil-fatt kien jeccedi l-mitejn u tnejn tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Jissottometti li kienet tkun prova sodisfacenti kieku gew ipprezentati xi rcevuti fiskali tal-oggetti sabiex l-Qorti kienet tkun f'pozizzjoni li tikkwantika l-ammont tal-oggetti allegatament misruqa u anki sabiex jigi verament ippruvat li s-serq kien aggravat bil-valur. Jissottometti li lanqas ma gie nnominat espert fil-mori tal-kawza sabiex jistabilixxi u jikkwantifika l-valur tal-oggetti. Jaghmel referenza ghal kredibilita' jew nuqqas tal-parti leza u li meta kwantifikat l-oggetti misruqa ma kinitx assertiva fit-twegiba taghha izda indikattiva u uzat termini bhal '*madwar*' u '*forsi*' li fil-kamp penali mhumiex provi li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Micaela Attard xehdet li meta s-securities waqfu lill-appellant, kien hadu bil-handbag f'idejh u li s-securities gibduhulu minn idejh biex jaghtuhulha izda qaltilhom biex izommuh hemmhekk u x'hin jigu l-Pulizija jhallu f'idejhom. Fil-handbag tghid li kellha zewg mobiles, portmoni, l-wallet. Spjegat li '*kelli iPhone 8, jiswa madwar €1000, kelli iehor qisu imitation tieghu, forsi jiswa 500, l-iktar. Kelli n-nuccali*

*tal-vista, ta' Dolce Gabbana, voldieri jiswa 500-550. U kelli xi flus fil-portmoni, cards, cwievet tal-karozza, kollox hux. Kollox. U xi make up ha nghidu hekk. affarijiet li ha ggor tfajla hux.'*

Illi ghalhekk mix-xhieda ta' Micaela Attard jirrizulta li l-valur tal-oggetti misruqa kien jaccedi l-mitejn u tnejn tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Jista' izda jinghad li din hija prova sufficenti fil-kamp penali?

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. John Vella'**[23] fejn gie kkunsidrat li:

*'Dwar l-aggravju l-iehor u cioe' dak tal-valur il-Qorti hawnhekk ukoll taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-*

*" Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur," meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċentezmu (232.94)".*

*Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni strahet fuq l-istima dwar il-valur tal-arblu, stima li prezentaw il-kwerelanti (Dok FT1) fejn hu stmat li l-arblu jiswa erba' mija u sebgha u tletin ewro (€437) (a. Fol. 35 email li ntbaghtet lill-ufficjal prosekutur minghajr ircevuta ta' hlas ghal arblu simili) u anqas ma gie nominat xi espert fil-mori tal-kawza sabiex jigi stabilit il-valur tieghu u ghalhekk fin- nuqqas ta' tali prova dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax.*

*Illi jrid jinghad li l-arblu kien ritornat lura lill-Enemalta (a fol. 63).'*

Mill-atti jirrizulta li wara li l-Avukat Generali fin-nota tat-tieni (2) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) kien talab sabiex jinhatar espert sabiex jipprezenta rapport tekniku dwar il-valur tal-oggetti li allegatament gew misruqa, l-Ewwel Qorti fis-seduta tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) provdiet is-segwenti:

[23] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Numru: 46/2012)

*'Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Avukat Generali li ghal fini li jigi stabbilit il-valur tal-ogetti misruqa, ma tenhtieg ebda arti u sengha partikolari tenut kont li l-vittma ghadha hajja u tista' tixhed hi stess dwar dak li nsterqilha. F'kaz li ma jkunx possibli li din l-istess vittma tiddetermina l-valur, il-Qorti tipprovdi mod iehor.'*

Minkejja li skont ix-xhieda ta' din l-istess Micaela Attard jirrizulta li meta l-appellant twaqqaf mis-securities, huwa kellu l-handbag f'idejh, mir-rapport tal-Pulizija u mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni minn imkien ma jirrizulta li l-vittma giet mitluba tiftah il-basket u turi dak li kien hemm fih u dan sabiex l-oggetti jigu fotografati. Minn imkien ma jirrizulta li l-handbag li kien f'idejn l-appellant kien vojt meta nghata lil Micaela Attard jew li kien hemm xi haga nieqsa fih. Dan ma giex allegat u lanqas ma gie ppruvat. Ghalhekk ma kien hemm xejn xi jzomm lil Pulizija milli jiehdu ritratti tal-basket u l-kontenut tieghu. Din fil-fehma ta' din il-Qorti kienet tkun l-ahjar prova biex jigi stabbilit dak li insteraq filwaqt li sussegwentement kien jigi stabbilit il-valur taghhom u ghalhekk din il-Qorti ma tistax toqghod fuq suppozizzjonijet.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li hemm holqa nieqsa fic-*chain of evidence* li tghaqqad lill-imputat '*mal-oggetti misruqa mill-basket li finalment qatt ma ġew misjuba;*'. Jirrizulta mix-xhieda ta' Micaela Attard u Monica Agius li l-basket misruq kien f'idejn l-appellant meta gie mizmum mis-securities. Micaela Attard xehdet li '*bil-handbag ghadu f' idejh. Dak il-hin jigifieri pprova, kif taqbad tghid, is-Securities gibduhulu minn idejh biex jaghtuhuli, imma mbghad ghidtilhom: "Zommuh hemmhekk, x'hin jigu l-Pulizija nhallu f' idejhom."* Skont dak li xehdet Monica Agius dan gie moghti lil Micaela Attard. Ghalhekk ma jirrizultax dak li jghid l-appellant fl-appell tieghu li l-oggetti ma nstabux. L-oggetti ghalhekk setghu facilment jigu fotografati sabiex jigi determinat il-valur taghhom.

Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti fejn sabet htija tar-reat ta' serq aggravat bil-hin u bil-vjolenza, tqis izda li l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat sufficentement.

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel osservazzjonijiet dwar ir-raba' akkuza li din il-Qorti qieghda tifhem li tirrigwarda l-addebitu tar-recediva.

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma kelliex ghalfejn tikkunsidra jekk l-appellant kisirx kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza precedenti tenut kont tal-fatt li l-appellant kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet precedenti. Din il-Qorti tissottolinea li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk l-appellant kisirx kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza precedenti, dak li kkunsidrat kien is-sentenzi esebiti u cioe' dik moghtija fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 31 et sequitur u mmarkata bhala Dok MS2 fejn l-appellant kien ikkundannat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Mata, restituzzjoni ta' mobile (€450) u l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) lil Ufficjal Prosekutur u kkundannat multa ta hames mitt ewro (€500). Jirrizulta li fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) inghatat sentenza li tinsab a fol 34 et sequitur u mmarkata bhala Dok MS 3 fejn il-Qorti kienet iddeciediet li fejn l-imputat kien ikundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin fis-sentenza tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) jigu in effett immedjatament. Fis-sentenza tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) l-akkuzat kien ikkundannat ukoll disa' (9) xhur prigunerija filwaqt li rrakomdatat li jiskonta l-piena fl-Isptar Monte Carmeli fit-Taqsima Forensika biex ikun jista' jinghata t-trattament u l-Qorti kienet anke poggiet lil hati taht Ordni ta' Trattament u ordnat li l-hati jhallas l-ispejjez skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa kien ikkonferma li ma kienx hallas multa ta' hames mitt ewro (€500) u kien ikkonferma li hareg mill-habs madwar xahrajn qabel it-tehid tal-istqarrija. Meta xehed l-Ispettur Matthew Spagnol fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u

tmintax (2018) huwa prezenta dawn is-sentenzi u spjega ukoll li hames mitt ewro (€500) multa ma thallsitx u li l-file intbaghat il-habs biex din tigi konvertita f'prigunerija. Il-Qorti kienet talbitu jressaq prova dwar li din giet skontata u ghalkemm ma tressqet l-ebda prova ad hoc dwar dan, mill-fedina penali aggornata jirrizulta li l-hames mitt ewro multa giet konvertita ghal hmistax (15) -il jum prigunerja. Jirrizulta ukoll li s-sentenza tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) giet reza operattiva u ghalhekk l-appellant skonta sentejn prigunerija kif ukoll disa' xhur priugunerija ohra permezz tas-sentenza tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet lill-appellant hati li huwa recediv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

L-appellant jappella ukoll mill-piena u jissottometti li wiehed irid jikkunsidra wkoll li fil-passat l-appellant kien soggett ghal episodji psikologici disturbanti u li zgur ma affettwawhx b'mod pozittiv. Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt li minkejja li l-appellant kien ghadu kif skonta sentenza ta' prigunerija, huwa ghal darba ohra rega xellef diefru mal-gustizja u qieghed ghal darba ohra jerga jinstab hati tar-reat ta' serq. Din il-Qorti gialadarba qieghda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija ta' serq aggravat bil-hin u l-vjolenza izda qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-aggravanti tal-valur, sejra tnaqqas il-piena ta' prigunerija imposta minn tlett (3) snin ghal tmintax (18)-il xahar.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx htija tal-ewwel (1) u t-tielet (3) impitazzjoni, tikkonferma fejn sabet htija tal-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-hin kif ukoll tal-addebitu tar-recediva izda tirrevoka fejn sabet htija tal-aggravanti tal-valur u tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal tmintax (18)-il

xahar prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv relatat ma' dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tikkonferma fejn *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-mus esebit bhala Dok. MS.

Tikkonferma ukoll fejn a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Micaela Attard u Monica Maria Ann Agius ghal zmien tlett (3) snin. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Filwaqt li tikkonferma l-ordni li kopja tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tintbaghat lil Kummissarju ghall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizordni Mentali, tordna li s-sentenza odjerna ukoll tintbaghat lil Kummissarju ghall-Promozzjoni tad-Dritijiet ta' Persuni b'Dizordni Mentali u in oltre' din il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-habs sabiex jiehu dawk il-mizuri kollha necessarja sabiex is-sahha tal-appellant u ta' persuni ohra tigi salvagwardata tenut kont tas-sahha mentali tal-akkuzat. Ghalhekk din is-sentenza ghandha anke tintbaghat lid-Direttur tal-habs.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur